**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kaz numru 89/2020**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Saviour Baldachino)**

**vs.**

**Mohamed M Mahdi**

Il Qorti:

Rat li tressaq Mahdi Mohammed ta' 37 sena, iben Mohamed Mustafa Mahdi u Fatima imwieled l-Libja, nhar il-18 ta' Frar 1983, ming]ajr residenza fissa u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 137203A

1. U nakkuzah talli nhar l-21 ta' Frar 2020 għall-ħabta tal-05:15hrs, ġewwa l-fond 59, Victoria, Apartament 7, Triq il-Kappillan Mifsud, Ħamrun:-bil-ħsieb li jagħmel delitt ta' serq, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu u li kieku seħħ kien ikun reat ta' serq aggravat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur, li ma jeċċedix l-elfejn tlett mija u disa' u għoxrin Euro u sebgha' u tletin centezmu (€2329.37), għad dannu ta'

Marko Srekovic, Amiri Jumagol u Hayat Khizer u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' ohra; bil-lok u bil-ħin, u dan bi ksur tal-art. 41(1)(a), 261(a)(b)(ċ)(e)(f),263,264(1), 267, 269(g), 270, 279(a),

2. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi, bi ħsara tas- sid jew detentur tal- propjeta ta' ħaddiehor, għamel vjolazzjoni kontra l- propjeta billi aċċeda ġewwa bejt ta Propjeta bin- numru 59, Victoria, Apartament 7, Triq il-Kappillan Mifsud, Hamrun bi ksur tal- art. 340 (d) tal- Kap 9 tal- Liġijiet ta Malta.

3. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi, ikkommetta ġriehi ħfief fuq Amiri Jumagol, liema ġrieħi kienu magħmula b' arma regulari hekk kif ċertifikat min Dr. M. R. Borg MD Reg No 2206 ta Floriana Health Centre. Bi ksur tal- art 221 (2), 217 tal- Kap 9 tal- Liġijiet ta Malta.

4. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi, wara li kien ġie ikkundannat f' Malta għal serq, instab fil- pussess ta' oġġetti jew għodod oħra tajbin għall- ftuħ jew sgassar ta' serraturi li ma kienux tal- kondizzjoni tieghu, mingħajr ma ta' kont sodisfaċenti għall- liema skop leġittimu instabu għandu dak iż- żmien, bi ksur tal- art. 287 tal- Kap 9 tal- Liġijiet ta Malta.

5. U aktar talli ġarr 'il barra minn xi fond jew mid-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma kellu liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju, u dan bi ksur tal-artikolu 6 tal-Kapitlu 480 tal-Liġijiet ta' Malta;

6. Ukoll talli f' xi ħin bejn il- 17:30hrs tal- 20 ta Frar 2020 u 15:00hrs tal- 21 ta Frar 2020 ġewwa Triq id- Duluri, Ħamrun, minn ġewwa vettura ta marka Nissan bin- numru ta reġistrazzjoni EBV-484, ikkommettejt serq ta basket tad- ditta Ling Long, kontenenti diversi oġġetti, għad- dannu ta' Michael Vella u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' oħra, liema serq huwa aggravat bil-

mezz, bix- xorti tal- ħaġa misruqa, u bil- valur, bi ksur tal- art 261 (b)(ċ)(g), 264(1),267, 271(ġ), 278(3), 279(a) tal- Kap 9 tal- Liġijiet ta' Malta.

7. u aktar talli ikkommetta reat fil-periodu operattiv ta' sentenza sospiza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Dr. A. Micallef Trigona LLD fit-2 ta' Novembru, 2016.

8. Finalment, nakkuzawh ukoll, talli rrenda ruħu reċidiv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, permezz ta' diversi sentenzi definittivi mogħtija fil-konfront tiegħu mill-Qrati ta' Malta.

Il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-imputat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat illi fl-udjenza tad-9 ta' Marzu 2020 wara li sar l-ezami ta' l-imputat a tenur ta' l-artikolu 392A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputat wiegeb li ma kienx hati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih.[1]

Rat li matul is-seduta tal-11 ta' Ottubru 2022, l-imputat minn jeddu iddikjara li kien hati tar-reati addebitati lilu u irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-imputat wara li l-Qorti, a tenur ta' l-artikolu 392A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu u wissietu solennement bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkonceditlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsulta ma' l-avukat ta' fiducja tieghu u jikkunsidra t-twegiba tieghu u, jekk ikun il-kaz, jerga' lura minnha.

[1] Folio 20 ta' l-atti processwali

Rat li l-imputat rega' tenna u kkonferma l-ammissjoni inkondizzjonata tiegħu.[2]

Rat li fid-dawl ta' l-ammissjoni tal-imputat il-Qorti m'għandhiex alternattiva għajr li ssibu ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u li a tenur ta' l-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta din il-Qorti setgħet tgħaddi għas-sentenza dwarhom fil-konfront ta' l-imputat.

Rat illi ma hemmx raġuni tajba ai termini tal-Art. 392A(3) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta biex il-Qorti tiddubita li nonostante l-ammissjoni tiegħu, l-imputat effettivament mhux ħati tar-reati addebitati lilu. Il-Qorti tqis, għalhekk li l-akkużi huma sodisfaċjentement ppruvati.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, u fliet l-atti kollha tal-kawża;

Rat illi d-difiża talbet li jiġi imħejji *presentencing report* fl-udjenza tal-11 ta' Ottubru 2022 u sussegwentement l-uffiċjal tal-Probation eżebiet *pre sentencing report* ta' l-imputat.[3]

Semgħet lill-partijiet jittrattaw dwar il-piena fl-udjenza tal-11 ta' Ottubru 2022.

Rat l-atti kollha.

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor**

Illi dan il-każ irriżulta meta ġie rapportat meta kien ġie arrestat minn persuna pajżana hekk kif inqabad jisraq minn ġewwa appartament.

---

[2] Folio 220 ta' l-atti processwali

[3] Dok MF1, Folio 236-264 ta' l-atti processwali

**Ikkunsidrat**

**Piena**

Illi b'amissjoni ta' l-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu waqt is-seduta tal-11 ta' Ottubru 2022 din il-Qorti m'ghandiex ghazla ohra ghajr li ssibu hati tar-reati addebitat lilu u ser tghaddi biex tippronunzja sentenza fil-konfront tieghu.

Madankollu ghall-finijiet ta' piena li ghandha tigi erogata mill-Qorti, il-Qorti qieset, b'zieda mac-cirkostanzi kollha tal-kaz is-segwenti fatturi.

- Il-prosekuzzjoni esebit il-fedina penali ta' l-imputat.[4] Illi mil-fedina penali jirrizulta li hemm diversi sentenzi ohra registrati simili ghal dak li tressaq bihom apparti sentenzi ohra relatati ma offizi fuq il-persuna. Jidher ukolll l-imputat inghata diversi opportunitajiet sabiex jirriforma hajtu u inghata gwida tul medda ta' snin. Madankollu qatt ma sfrutta dawn il-opportunijiet jew irriforma ruhu, tant li rega tressaq fuq reati ohra ta' certu serjeta.

- L-imputat irregistra ammisssjoni, iktar minn sentejn u nofs wara li nbeda l-kaz u fi stadju ta' provi difiza.

- Qieset il-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati w Qrati esteri dwar tnaqqis fil-piena meta l-hati jammetti l-htijiet tieghu fi stadju tardiv tal-process u b'hekk ma jkunx necessarjament iffrankat hafna xoghol u spejjez inutili ghall-amministrazzjoni tal-gustizzja. Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal-kaz **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi**[5], **Il-**

[4] Dok DSB1, Folio 8-11 minn wara u quddiem ta' l-atti processwali
[5] Qorti Kriminali deciza 24 ta' Frar 1997

**Pulizija vs. Emmanuel Testa**[6], u **ARCHBOLD Sentencing Guidelines 2021**[7] u **BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE.**[8]

Ghaldaqstant, f'dan il-kaz jista jinghad li l-ammissjoni ma saret f'stadju bikri ghaliex il-prosekuzzjoni kienet ghadha ma ghalqitx il-provi taghhom. Madankollu din l-amissjoni saret qabel l-ghoti tas-sentenzi u qabel din il-Qorti ghamlet l-evalwazzjoni taghha u ghalhekk din il-Qorti sejra tqis l-istadju ta' fejn saret l-ammissjoni fil-kunsiderazzjoni taghha.

- Il-Qorti tqis ukoll li l-ammissjoni saret minghajr ebda riservi u/jew kondizzjonijiet.

- Fil-*presentencing report* irrizulta li l-imputat dejjem kien karattru problematiku sabiex jikkonformi man-normi u l-ligijiet. Fl-istess rapport inghata rakkomandazzjoni li l-Qorti tikkunsidra timponi sentenza karcerarja.[9]

- Illi filwaqt li l-Qorti mhix bl-ebda mod marbuta ma dawn is-sottomissjonijiet tal-ufficjal tal-Probation, il-Qorti tara li din il-piena hija legalment proponibbli u fil-parametri tal-ligi ghal dawk ir-reat li jikkoncernaw il-Kodici Kriminali.

- Mill-istess rapport jirrizulta li l-imputat lest li joqghod ghal sessjonijiet ta' medjazzjoni mal-vittma.[10]

- Fis-sottomissjonijiet finali tal-prosekuzzjoni l-Qorti giet informata li l-imputat kien ikkopera mal-pulizija tul l-investigazzjoni.[11]

[6] Qorti tal-Appell Kriminali , [7.7.2002]
[7] Thomson Reuteurs, S-29
[8] Blackstone Press Limited – 2006 edition
[9] Folio 244 ta' l-atti processwali
[10] Folio 238 ta' l-atti processwali
[11] Folio 266 ta' l-atti processwali

- Fis-sottomissjnijiet taghhom kemm il-prosekuzzjoni kif ukoll id-difiza iremmetew ruhhom ghal-gudizzju ta' din il-Qorti filwaqt li informaw il-Qorti li l-imputat kien diga skonta aktar minn hamsa u tlettin xhar habs taht arrest peress li qatt ma kien talab ghal helsien mill-arrest tul il-mori tal-proceduri.

- Illi jirrizulta li fiz-zmien tar-reat l-imputat kellu vizzju tad-droga u xorb li kien gabu jirrikorri ghall-kriminalita kif ukoll hajja instabbli fejn anke drabi irrikorra ghal l-isptar Monte Carmeli. Jidher ukoll li l-imputat m'ghandux sapport ta' familja u jinstab wahdu Malta. Illi filwaqt dan mhuiex skuzanti ghall-agir tieghu, huwa kunsiderazzjoni ghal Qorti sabiex tikkunsidra kwalunkwe piena.

- Jirrizulta li l-imputat huwa wkoll recidiv bl-aritkoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali u ghaldaqstant il-piena tista tizdied bil-gradi relatttivi skond il-ligi.

- Illi l-artikolu 142(1) tal-Criminal Justice Act 2003 fl-Ingilterra jistabbilixxi hames principji li ghandhom jigu segwiti fl-imposizzjoni tal-piena u cioe', *(a) the punishment of offenders (b) the reduction of crime (including its reduction by deterrence) (c) the reform and rehabilitation of offenders (d) the protection of the public (e) the making of reparation by offenders to persons affected by their offence.*

- Illi minn dak li rat u ezaminat il-Qorti jirrizulta li din il-Qorti trid tara mhux biss l-aspett riformattiv ta' l-imputat izda trid ssib bilanc bejn il-gravita' tal-kaz u l-harsien u l-interessi tal-vittmi tar-reat u s-socjeta' in generali sabiex tara li dan ir-reat ma jergax jigi kommess kif ukoll taghti l-harsien mehtiega lil pubbliku. Il-Qorti ghalhekk tqis, tenut kont tac-cirkostanzi, li l-piena kif suggerita mill-ufficjal tal-Probation hija misthoqa fic-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 31, 41(1)(a), 261(a)(b)(c)(e)(f), 262(1)(b)(c)(e)(f), 262(1)(b), 263(b), 267, 269(g), 270, 287, 276, 277(a)(b), 278, 279(a), 280, 281(a)(b), 214, 215, 217, 221(2), 28B, 340(d), 49, 50, 289, 382A, 383, 384, 385, 412D u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta fuq ammissjoni ta' Mohamed M Mahdi issibu **hati** ta' l-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontrih u tikkundannah piena ta' prigunerija ta' tlett (3) snin habs li minnhom ghandhom jitnaqqsu dawk gia skontati taht arrest preventiv filwaqt li fic-cirkostanzi tal-kaz u l-perjodu gia skontat mill-imputat fuq dan il-kaz din il-Qorti qed taghzel li ma titrattax ma l-imputat dwar is-sitt imputazzjoni u qed tastjeni milli taghmel ordni bis-sahha ta' subartikolu 28B(1)(a) u l-perjodu operattiv ghandu f'dak il-kaz jibqa' fis-sehh.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tqieghed lill-hati taht Ordni ta' Trattament, liema ordni qieghda issir ghall-perjodu ta' tliet (3) snin sabiex (1) jinghata assistenza psikologika sabiex ikun jista jindirizza t-trawmi li ghadda minnhom fil-passat u li kellhom impatt fuqu, (2) jindirizza l-problemi tad-droga u alkohol li ghandhu.

Il-Qorti tordna l-konfiska tal-mus, esebit bhala Dok AG1.[12]

Illi in vista tal-fatt li ma gewx mahtura esperti il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-prosekuzzjoni skont l-aritkolu 533 tal-Kodici Kriminali.

[12] Folio 23 ta' l-atti processwali

Il-Qorti tordna li ai termini ta' l-artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Avukat Generali jinghata access ghal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma access ghal kopja skenjata tas-sentenza fi zmien sitt (6) ijiem tax-xoghol.

**Moghtija illum nhar 28 ta' Frar 2023 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Lia**

**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**

**Deputat Registratur**